C/2024/4261

1.7.2024

Tħabbira skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu rigward il-likwidazzjoni u l-istralċ sussegwenti ta' Cyprus Popular Bank Public Company LTD (istituzzjoni ta' kreditu Ċiprijotta f'likwidazzjoni) (il-"Kumpanija")

(C/2024/4261)

B'din it-tħabbira int qiegħed tiġi nnotifikat/a, f'konformità mal-Artikolu 234(2) tal-Liġi tal-Kumpaniji Kapitolu 113, il-Likwidatur tal-Kumpanija ilaqqa' Laqgħa Ġenerali tal-Krediturі tal-Kumpanija, li għandha ssir fiċ-Ċentru Kulturali tal-

Università Ewropea ta' Ċipru, 6 Diogenous Street, 2404 Engomi, Nikosija, nhar it-Tlieta 9 ta' Lulju, 2024 fl-4:00 p.m.

L-Aġenda tal-Laqgħa Ġenerali

Briefing tal-krediturі tal-Kumpanija dwar il-progress tal-likwidazzjoni u l-azzjonijiet meħuda mil-Likwidatur minn meta nħatar sad-data tal-Laqgħa Ġenerali.

Il-krediturі li jixtiequ jaħtru rappreżentant ("prokura") biex jattendi f'isimhom, għandhom jimlew u jagħtu lill-Uffiċċji ta' Likwidatur,

85 Limassol Avenue, 2121 Aglantzia, Nikosija, Ċipru, jew lill-PO Box 55299, 3820 Limassol, prokura rilevanti mhux aktar tard minn 12:00p.m. tal-Ġimgħa, 5 ta' Lulju, 2024. Il-prokura tinsab fil-portal dwar il-likwidazzjoni https://www.ips-docs.com/case/22WUC009CYP/Gn8@pXmv.

Augoustinos PAPATHOMAS

Likwidatur

Il-likwidatur jaġixxi bħala aġent tal-Kumpanija mingħajr responsabbiltà personali